# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija

# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com

LEĦEN IL-PARROĊĊA - Frar 2013 - Nru. 363



# Kelma tal-Kappillan

Għeżież,

Erġajna wasalna għal Randan ieħor! Ir-Randan huwa żmien ta' riflessjoni għalina l-Insara, allura ejjew ma nħalluhx dan ir-Randan ikun bħas-snin l-imgħoddija. Dan iż-żmien qaddis ser nibdew ngħixuh minn nhar l-Erbgħa 13 ta' Frar, li mbagħad iwassalna għall-ikbar Festa tal-Knisja, l-Għid il-Kbir, nhar il-Ħadd 31 ta' Marzu.

F'dan iż-żmien aħna naraw l-Imħabba Kbira li Alla għandu għalina. Għandna nieħdu l-opportunita' biex nersqu aktar lejh permezz tat-talb u nidħlu f'qoxritna u naħsbu kemm għandna għalfejn niftħu qalbna għalih u ma nħallux ruħna titfixkel mal-kurrent ta' din id-dinja.

Huwa wkoll partikolari dan iż-żmien tar-Randan, għax qed niċċelebrawh fis-Sena tal-Fidi. Nieħdu għalhekk din l-opportunita' f'dan ir-Randan billi nitolbuh aktar u niftħu qalbna beraħ għalih ħalli kull wieħed u waħda minnha nsibu vera dak li nixtiequ fid-dawl tal-Fidi li nissilna fiha l-Appostlu Missierna San Pawl.

Ir-Randan mela ma jigix ta' xejn. Il-Mulej qed joffrilna dan iż-żmien biex aħna nindmu u nsalvaw ruħna. Dan isir kollu għal ġid tagħna. Għandna nersqu aktar viċin tas-Sagramenti b'mod speċjali dak tal-Qrar, biex Alla l-Imbierek jagħtina dak li għandna bżonn, jiġifieri l-maħfra u l-ħbiberija ġdida miegħu.

Ġesu' jridna ngħixu sewwa, u għalhekk huwa mportanti li nieqfu u nisimgħu u ma nħallux lil ruħna tiġġerra mal-ġid li jgħaddi. Ejjew wkoll inrażżnu lsienna u noqogħdu għassa għalina nfusna kif naġixxu u nitkellmu dwar ħutna. Nirrispettaw il-ħsibijiet ta' xulxin u ma nitkellmux kif ġie ġie fuq l-oħrajn. Dejjem għandna nżommu f'moħħna l-bżonn u kemm lesti li nagħtu minn ħajjitna għall-oħrajn.

J'Alla dawn il-ftit ħsibijiet iqanqlulna qalbna biex dan ir-Randan fis-Sena tal-Fidi ngħixuh verament b'mod differenti.

Tkunu mberkin!

P.Joseph Mamo ofm.Conv.

***Daħlu membri fil-Knisja Kattolika fil-Parroċċa tagħna bejn Lulju u Diċembru 2012***

| | |
|---|---|
| **22 ta' Lulju** | **Andrei Sammut** |
| **22 ta' Lulju** | **Giuseppe Vella** |
| **22 ta' Lulju** | **Jake Agius** |
| **28 ta' Lulju** | **Julia Grech** |
| **11 t'Awwissu** | **Krista Galea** |
| **18 t'Awwissu** | **Nicolo' Giurchedi** |
| **8 ta' Settembru** | **Amy Saliba** |
| **14 ta' Settembru** | **Sophie Barthet** |
| **30 ta' Settembru** | **Raisa Falzon** |
| **6 t'Ottubru** | **Umberto d'Amico** |
| **26 t'Ottubru** | **Jean Luc Bajada** |
| **28 t'Ottubru** | **Jack Bartolo** |
| **24 ta' Novembru** | **Jazmine Cauchi** |
| **25 ta' Novembru** | **Jamie-Nicholas Jameson** |
| **25 ta' Novembru** | **Jennifer-Elisabeth Jameson** |
| **9 ta' Diċembru** | **Luke Micallef** |
| **13 ta' Diċembru** | **Ella Chetcuti Livori** |
| **30 ta' Diċembru** | **Matthias Tedesco** |



# ĦAJJA U ĦIDMA – FRAR 2013

**Il-Ġimgħa 1** **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

**Is-Sibt 2** **L-Ewwel Sibt tax-xahar. Festa tal-Gandlora u Jum il-Ħajja Kkonsagrata.**

- Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija.
- Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lill-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija.
- Fil-5.15pm tibda l-Adorazzjoni fil-Knisja. .
- Fit-8.00pm Pizza Night fiċ-Ċentru organizzata mill-Kumitat Festa. Ejjew u tieħdu gost.

**Il-Ħadd 3** Jum il-Ħajja.

**L-Erbgħa 6** Fis-7.00pm – It-Tieni Laqgħa fl-Okkażjoni tas-Sena tal-Fidi minn P. Josef Pace ofm.Conv, bit-Tema 'Alla Nebbiexi'. (Il-Fidi fit-Testment il-Qadim) Il-Laqgħa ser issir fiċ-Ċentru Parrokkjali. Inħeġġiġkom biex tattendu.

**Il-Ħamis 7** L-Ewwel Ħamis tax-xahar. Issir l-Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' b'talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Tluq minn ħdejn il-Parroċċa f'nofs in-nhar.

**Il-Ħadd 10** Festa tal-Appostlu Missierna San Pawl. Fl-aħħar paġna hemm il-programm li ser isir fil-Kappella ta' San Pawl Milqi. Fis-2.00pm Maratona ta' Liedna fiċ-Ċentru. Ejjew u agħtu l-għajnuna liż-żgħażagħ tagħna biex fil-Festa l-liedna tkompli żżejjen it-toroq.

**It-Tnejn 11** Party tal-Karnival għat-Tfal kollha tal-Parroċċa fit-3.30pm. Tfal ejjew lebsin tal-Karnival. Ġenituri ħallu l-isem tat-tfal fis-sagristija.

Jum il-Morda. L-Ewwel dehra tal-Madonna ġewwa Lourdes.

**L-Erbgħa 13** Ras ir-Randan. Jum ta' Talb, Sawm u Astinenza.

6.15pm – Konċelebrazzjoni mill-Komunita' Franġiskana bis-sehem tal-Kor Parrokkjali 'Ħlewwa ta' Marija'.

**Il-Ħamis 14** Wara l-Quddiesa ta' fil-għaxija, Adorazzjoni

Ewkaristika, fejn huma mħeġġin jattendu l-Kunsill Parrokkjali u l-membri tal-għaqdiet u kummissjonijiet bi preparazzjoni għall-Attivita' Djoċesana li ssir l-għada 15 ta' Frar fil-KonKatidral ta' San Ġwann.

**Il-Ġimgħa 15** Eżerċizzi għaż-Żgħażagħ fiċ-Ċentru Parrokkjali fis-7.30pm minn P.Andrew Galea ofm.Conv. Żgħażagħ titilfux din l-opportunita' tad-deheb. Jiswielkom ħafna għal ħajjitkom!

- Ċelebrazzjoni fis-6.30pm sat-8.00pm fil-KonKattidral ta' San Ġwann immexxija minn Mons.Arċisqof Pawlu Cremona OP u fiha se jieħu sehem ukoll Mons.Charles Scicluna. Min huwa interessat li jmur javża lil Kappillan sal-Erbgħa 13 ta' Frar.

**Il-Ħadd 17** **L-1 Ħadd tar-Randan** Irtir tar-Randan fiċ-Ċentru Parrokkjali. Aktar dettalji fl-aħħar paġna. Illum jaħbat is-56 sena mit-Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Knisja Parrokkjali tagħna.

**It-Tnejn 18** Mill-lum u tul il-ġimgħa kollha fil-quddiesa tas-6.15pm ser isiru l-Eżerċizzi għal kulħadd minn P.Raymond Gatt OP.

**Il-Ġimgħa 22** Fl-4.30pm L-ewwel laqgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali għall-ġenituri li t-tfal tagħhom ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina .

- Fis-7.00pm L-ewwel laqgħa għall-ġenituri u l-parrini li t-tfal tagħhom ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof din is-sena.
- Eżerċizzi għaż-Żgħażagħ fis-7.30pm minn P.Andrew Galea. Żgħażagħ titilfux din l-opportunita' tad-deheb. Jiswielkom ħafna għal ħajjitkom!

**Is-Sibt 23 u l-Ħadd 24** Ġabra b'risq il-Parroċċa. Grazzi ħafna tal-ġenerosita' tagħkom.

**Il-Ħadd 24** **It-2 Ħadd tar-Randan.** Fl- 10.00am Quddiesa fil-Parroċċa għat-Tfal flimkien mal-ġenituri tagħhom. FL-10.30am Laqgħa Gruppi Familji Nsara.

**It-Tnejn 25** Fl-4.30pm Jibdew l-Eżerċizzi għat-Tfal li jattendu d-duttrina fiċ-Ċentru Parrokkjali. Imexxi P.Josef Pace ofm.Conv.
Fis-7.00pm Eżerċizzi għall-Miżżewġin fil-Knisja . Imexxi P.Josef Pace ofm.Conv. Ikun hawn min jieħu ħsieb it-tfal tul il-ġimgħa .

**It-Tlieta 26** Fil-5.15pm tibda l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

# *MAĦFRA*

Nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Diċembru 2012, fi Newtown, Connecticut, l-Istati Uniti, għal xi t-8.00am, iċ-ċkejkna Grace McDonnell ta' seba' snin, għannqet u bieset lil ommha Lynn u telgħet tiġri fuq il-van tal-iskola. Minn hemm xejret lil ommha u reġgħet tefgħetilha ħafna bews minn wara t-tieqa tal-van. Lynn McDonnell tgħid: *'Dak il-wiċċ ta' anġlu jitbissimli u jbusni jibqa' mnaqqax f'qalbi għal dejjem'.* Grace u sħabha kienu eċċitati. Kien riesaq il-Milied, u fl-iskola kellhom ħafna attivitajiet għaddejjin. Imma mhux fl-iskola biss, għax anke fil-Knisja Kattolika ta' Newtown, fejn ħafna mit-tfal kienu jattendu mal-ġenituri u ħuthom, kienu għaddejjin ġmielhom il-preparazzjonijiet. Hemmhekk, it-tfal kienu se jtellgħu il-pagaent tal-Milied dak in-nhar stess filgħaxija.

Fid-9.30am ġara dak li xxokkja lil Amerka. Ġuvnott ta' għoxrin sena, deskritt bħala ġenju imma bi problemi mentali, li kien jgħix waħdu m'ommu divorzjata, armat sa snienu, spara lejn il-kanċell tal-bieb ewlieni tal-iskola u baqa' dieħel b'rabja kbira fuqu fil-kuriduri. F'temp ta' ftit minuti mmassakra sitt għalliema u għoxrin tifel u tifla tal-eta' bejn is-sitta u seba' snin. Qabel mar l-iskola, iż-żagħżugħ kien diġa' qatel lil ommu fis-sodda tagħha. Kif ra l-pulizija deħlin għalih, huwa dawwar l-arma fuqu nnifsu.

Ħdax il-jum qabel il-Milied, Newtown, belt sinjura u kwieta, deskritta bħala waħda mill-aktar bliet sikuri fl-Istati Uniti, rat xeni ta' dieqa u qsim il-qalb kbir. Il-pulizija u t-tobba li daħlu fil-klassijiet qalu li qatt ma raw xeni orribbli daqs dawk. Barra l-iskola, x'ħin bdew jinġabru l-ġenituri, kien jinstema' krib u tnehid kontinwu, li ġie mxebbah mal-karba tal-ommijiet fil-massakru ta' Betlemm minn Erodi.

Meta l-ġenituri ta' Grace tkellmu ma' ġurnalist li għamlilhom intervista, huma qalu li l-agħar biċċa kienet kif se jagħtu l-aħbar tal-qtil ta' binthom lil ħuha Jack. Kif mistenni, it-tifel imtela' b'rabja kbira. Ommu qaltlu: ***'Nifhmu r-rabja u l-mistoqsijiet tiegħek Jack. Anki aħna qegħdin insaqsu għaliex. Imma ma tista' qatt tħalli ħajtek titmexxa mill-mibegħda. Jack, taħlix l-enerġija tiegħek fir-rabja u fil-mibegħda. Oħtok Grace ma kellix farka***

***mibegħda ġo fiha. Żgur li hi ma tridniex ngħaddu minn dik it-triq. Aħna m'aħniex familja ta' mibegħda, qatt ma konna familja ta' mibegħda u m'aħniex se nagħżlu dik it-triq lanqas issa.'*** Aktar tard hija żiedet: ***'Inħossni bla biża' ta' xejn. Jiena lesta li niffaċċja d-dinja bla biża'. Irbaħt il-biża'. M'għandi xejn x'nitlef, nirbaħ biss nista'.***

Il-ġurnalist li ntervistahom qatt ma stenniha din ir-reazzjoni ta' omm u missier Grace. Huwa qalilhom li m'hu se jinsa' qatt dak il-kliem li kienu qegħdin jgħidu. Minn madwar l-Amerka kollha bdew deħlin ħafna messaġġi ta' ammirazzjoni lejn din il-familja Kattolika li għażlet it-triq tal-maħfra fi storja daqshekk kerha u diffiċli.

Messaġġ minnhom kien jgħid hekk: ***'Qegħdin inħabblu rasna u niddiskutu kif se nrażżnu l-armi fl-idejn u nbiddlu l-liġijiet fl-Amerka, u kif nistgħu niffaċċjaw aħjar il-problemi mentali li għandna. Naħseb aħjar l-ewwel u qabel xejn naraw kif se nerġgħu indaħħlu lil Alla fostna, dak Alla li bħala soċjeta' ilna li tlifna.'***



**LOTTERIJA**

**Qed issir Lotterija organizzata mill-Kumitat Festa li t-Tlugħ tagħha ser isir f'Jum l-Għid il-Kbir 31 ta' Marzu 2013.**
**Premju HAIER 32 inch LCD T.V. Biljett 2 euro - 3 Biljetti 5 euro- 8 Biljetti 10 euro. Il-biljetti tistgħu tiksbuhom mingħand il-Membri tal-Kumitat Festa jew mill-uffiċċju tal-Kappillan.**

# Tajjeb Tkun Taf

**FESTA TAL-APPOSTLU MISSIERNA SAN PAWL**
**KAPPELLA SAN PAWL MILQI**
**IL-ĦADD 10 TA' FRAR 2013**

**9.30am** Parata mill-Iscouts tal-Qawra fi Triq San Pawl Milqi sal-Kappella
**10.00am** Diskors tal-okkażjoni minn P. Stephen Borg OFM Conv. u qari ta' Poeżiji
**10.30am** Quddiesa fl-istess Kappella bis-sehem tal-Kor Parrokkjali 'Ħlewwa ta' Marija'.

### *IRTIR BIDU TAR-RANDAN*

**Il-Ħadd 17 ta' Frar, il-Kummissjoni Kateketika fi ħdan il-Parroċċa tagħna se torganizza Irtir għal bidu tar-Randan Imqaddes bejn id-9.30am u nofs in-nhar fiċ-Ċentru Parrokkjali. Imexxi l-IRTIR P.Andrew Galea ofm.Conv. L-Irtir jispiċċa bil-quddiesa li tibda fil-11.00am fl-istess Ċentru. Titilfuhx!**

## EŻERĊIZZI RANDAN

**18-22 ta' Frar 6.15pm:** Eżerċizzi għal kulħadd fil-quddies tas-6.15pm minn P.Raymond Gatt OP

**25 ta' Frar-1 ta' Marzu:** Eżerċizzi għat-tfal fl-4.30 fiċ-Ċentru Parrokkjali minn P.Josef Pace ofm. Conv.

**25 ta' Frar-1 ta' Marzu:** Eżerċizzi għall-Miżżewġin fis-7.00pm fil-Knisja minn P.Josef Pace ofm. Conv.

**15 ta' Frar- 22 ta' Frar- 1 ta' Marzu :** Eżerċizzi għaż-Żgħażagħ fiċ-Ċentru Parrokkjali 7.30pm minn P.Andrew Galea ofm.Conv.

**Ħallu d-data tas-Sibt 16 ta' Marzu libera fejn għall-20 sena konsekuttiva ser jittella' d-Dramm tal-Passjoni fil-Knisja Parrokkjali fis-7.00pm.**

**Kull nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa flok ir-Rużarju tibda tingħad il-Via Sagra matul iż-Żmien tar-Randan Imqaddes.**